IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2025
COM(2025) 582 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") hija li tappoġġa l-bidliet fin-noti 2 u 3 f'qiegħ il-paġna tal-Appendiċi II (Rati Minimi tal-Primjum) tal-FSIA kif stabbilit f'dan l-Anness. Hawn taħt qed isiru referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna tal-FSIA. Iż-żidiet huma **b'tipa grassa sottolinjata**:

APPENDIĊI II

RATI MINIMI TAL-PRIMJUM

[2] *Għal tranżazzjonijiet b'valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun, **jekk l-esportazzjoni tinvolvi inġenji tal-ajru agrikoli u d-debitur aħħari jkun bidwi jew kumpanija tal-bexx, Parteċipant jista' japplika l-klassifikazzjoni tar-riskju li jqis xierqa u għandu jinnotifika t-tranżazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(a) ta' dan il-Ftehim Settorjali. Għat-tranżazzjonijiet l-oħra kollha b'valur tal-esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun (b'mod partikolari dawk fejn id-debitur aħħari huwa linja tal-ajru jew kumpanija tal-kiri tal-inġenji tal-ajru, irrispettivament minn jekk l-esportazzjoni tinvolvix inġenji tal-ajru agrikoli)** Parteċipant li ma jixtieqx isegwi l-proċedura ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita fl-Artikoli 6 sa 8 ta' dan l-Appendiċi għandu japplika l-klassifikazzjoni tar-riskju "8" għax-xerrej/għall-mutwatarju li huwa s-suġġett tat-tranżazzjoni u għandu jinnotifika t-tranżazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(a) ta' dan il-Ftehim Settorjali.*

[3] *Għal tranżazzjonijiet b'valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun, **ħlief għal tranżazzjonijiet li għandhom jiġu nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 24(a) skont in-nota 2 f'qiegħ il-paġna ta' dan l-Appendiċi,** għandu japplika perjodu ta' 5 ijiem ta' xogħol.*